30 ta' Ġunju, 1953.

Imħallef :
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

**Nag. Joseph Darmanin pr. et ne.** *versus* **Carmelo Micallef pr. et ne.** (*)

**Ġudikat — Identità ta' l-Oġġett tad-Domanda.**

*Dwar l-identità tal-ħaġa mitluba, bħala wieħed mir-rekwiżiti tal-ġudikat, hu paċifikament ammess li mhux neċessarju illi l-identità tkun assoluta u materjali, imma tibbasta l-identità ġuridika.*

*Kriterju razzjonali biex f'kull każ jista' jingħad jekk u meta jkun hemm l-identità ta' l-oġġett bejn l-ewwel kawża disposta b'sentenza u t-tieni kawża opposta bl-eċċezzjoni tal-ġudikat, hu dak li wieħed jeżamina jekk il-kwistjoni li tiġi sollevata bit-tieni domanda ġietx jew le ġà deċiża bil-ġudikat preċedenti; fi kliem ieħor, jekk il-punt li jiġi diskuss fit-tieni kawża ġiex jew le ġudikat bis-sentenza ta' qabel, jew jekk dik l-ewwel sentenza ħallietx dak il-punt impreġudikat.*

*Jekk bejn it-talbiet fit-tieni kawża u dak li ġie deċiż fl-ewwel kawża jkun hemm kontradizzjoni u impossibilità ta' ko-eżistenza, allura jirrikorri dan ir-rekwiżit tal-ġudikat, i.e. l-identità ta' l-oġġett.*

---

(*) Deżerta fl-Appell, 28. 10. '53.

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li ppremetta illi b'att ta' ċitazzjoni numru 91 tas-sena 1947 hu talab illi l-konvenut jiġi kundannat jirrendi kont tal-profitti li huwa, jew id-ditta minnu rappreżentata, għamlu wara s-7 ta' Jannar 1941 mill-appalti meħuda b'żewġ kuntratti in atti Nutar Joseph Gatt ta' l-24 ta' Lulju 1939 u tat-13 ta' Novembru 1939, u mill-appalti ta' tiksir ta' ġebel per mezz ta' makkinarji u fornitura tagħhom taħt forma ta' "spalls, chippings, dust" u ismijiet oħra, li d-ditta konvenuta għamlet b'esklużjoni tiegħu; għan-nofs ta' liema profitti hu għandu dritt skond it-termini tal-kirografu tat-13 ta' Novembru 1939; u li b'sentenza mogħtija minn din il-Qorti fl-20 ta' Jannar 1948 u mill-Qorti ta' l-Appell fil-31 ta' Mejju 1948 ġie deċiż (1) li mhix preskritta l-obligazzjoni naxxenti mill-imsemmi kirografu, (2) li hija preskritta l-azzjoni in rigward għaż-żewġ appalti in atti Gatt fuq riferiti, u (3) li huma preskritti l-profitti realizzati qabel l-4 ta' Marzu 1942 mill-appalti l-oħra li ġew konċessi mis-7 ta' Jannar 1941 'l hawn — liema sentenzi ġew mogħtija wara li l-konvenut fl-istess kawża kien ippreżenta nota ta' l-istess appalti; u li dik il-kawża għad-domandi l-oħra baqgħet "sine die", u, wara li ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni tiegħu tas-sena 1952, numru 267, il-kawża fuq riferita (ċitaz. nru. 91 ta' l-1947) ġiet publikata fuq il-lista tal-kawżi li kellhom jiġu deżerti; u li huwa, biċ-ċitazzjoni numru 267 tas-sena 1952, preżentata xhur qabel Diċembru ta' l-istess sena, ippropona l-istess domandi li ma kienux ġew deċiżi fil-kawża promossa biċ-ċitazzjoni numru 91 ta' l-1947, u b'dana l-att ġudizzjarju wera biċ-ċar li ma riedx jabbanduna d-domandi li ma kienux ġew deċiżi fil-kawża nru. 91 ta' l-1947, u għalhekk il-preżunzjoni tad-deżerzjoni ta' din l-aħħar imsemmija kawża ma tistax tiġi invokata kontra l-fatt illi l-istess domandi li fiha ma ġewx deċiżi jew riproposti fil-kawża li bdiet biċ-ċitazzjoni nru. 267 ta' l-1952, qabel it-terminu tad-deżerzjoni ta' l-ewwel kawża; talab (1) li jiġi dikjarat u deċiż illi bil-fatt tad-domanda li hu għamel biċ-ċitazzjoni nru. 267 ta' l-1952 in sostituzzjoni jew ripetizzjoni ta' dik li ma ġietx deċiża fil-kawża fuq iċ-ċitazzjoni nru. 91 ta' l-1947, wisq qabel ma din l-aħħar kawża ġiet dikjarata

deżerta, l-azzjoni tiegħu kontra l-konvenuti għall-parti li ma ġietx deċiża f'din l-aħħar kawża (91/1947) ma ġietx abbandunata, u għalhekk din l-aħħar kawża ma għandhiex timporta l-effetti tad-deżerzjoni, preżunta jew reali; (2) li f'kull każ jiġi wkoll dikjarat u deċiż illi s-sentenza mogħtija fil-kawża fuq iċ-ċitazzjoni nru. 91 ta' l-1947, li ddikjarat fi mhumiex preskritti l-profitti realizzati wara l-4 ta' Marzu 1942 fuq l-appalti meħuda wara s-7 ta' Jannar 1941, u eżegwiti a mezz ta' makkinarju mill-konvenut proprio et nomine bl-esklużjoni tiegħu, tifforma "res judicata". Bl-ispejjeż;

Rat in-nota tal-konvenut, li biha eċċepixxa:—

1. Il-litispendenza, billi l-attur, in bażi għall-pretensjoni li ġieb 'il quddiem f'dina l-kawża, għandu kawża oħra pendenti fl-istess ismijiet, u li ġa ġiet trattata, u kienet baqgħet għas-sentenza għas-16 ta' Ġunju 1953;

2. "Ir-"res judicata", billi din il-Qorti ġa ddeċidiet il-pont sollevat f'din il-kawża, fil-kawża li ġiet promossa biċ-ċitazzjoni numru 267 ta' l-1952 fl-istess ismijiet, deċiża bis-sentenza ta' l-10 ta' Marzu 1953, u din is-sentenza ma ġietx appellata;

3. L-infondatezza tad-domandi, billi kull rapport ta' assoċjazzjoni bejn il-kontendenti ġie xjolt bl-ittra uffiċjali tat-2 ta' Marzu 1948;

Tikkunsidra;

Illi bil-fuq imsemmi att ta' ċitazzjoni numru 91 ta' l-1947, quddiem din il-Qorti, l-attur, wara li ppremetta li, in segwitu tal-kirografu fuq imsemmi tat-18 ta' Novembru 1936, id-ditta konvenuta, mis-7 ta' Jannar 1941, għamlet per mezz ta' makni xogħlijiet ta' skavi ta' ġebel tal-qawwi, u forniet taħt diversi dimensjonijiet konoxxuti taħt l-ismijet ta' "spalls, chippings, dust", u ismijiet oħra, u ħadet ukoll appalti tagħhom, u b'kuntratti in atti Joseph Gatt ta' l-24 ta' Lulju 1939 u tat-13 ta' Novembru 1939, ħadet appalti minn għand iċ-Chief Engineer Malta Command għall-kostruzzjoni ta' mħażen taħt l-art ġol-fortizza tal-Mosta u għall-kostruzzjoni ta' tliet gruppi ta' bini fil-każermi ta' St. Patrick u fil-kamp ta' Pembroke, li jaqgħu taħt il-kirografu fuq imsemmi, talab li jiġi dikjarat u deċiż illi għandu d-dritt li jippartecipa mill-

profitti realizzati mill-konvenut nomine bix-xogħlijiet fuq indikati, u li dana jiġi kundannat jirrendilu kont tal-profitti li għamel wara s-7 ta' Jannar 1941 mill-appalti u mix-xogħlijiet fuq riferiti;

Kontra t-talbiet ta' l-attur, il-konvenut, fost eċċezzjonijiet oħra, issolleva dik tal-preskrizzjoni kwinkwennali, billi l-effetti ta' l-iskrittura fuq indikata tat-18 ta' Novembru 1936 skadew fit-18 ta' Novembru 1941;

B'sentenza ta' l-20 ta' Jannar 1948 ġiet miċħuda l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni in kwantu kienet tirrigwarda l-obligazzjoni stess tal-kitba privata fuq riferita; ġiet milqugħa l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni in kwantu għall-appalti ta' l-24 ta' Lulju u tat-13 ta' Novembru 1939 rispettivament, u għall-qliegħ li sar qabel l-4 ta' Marzu 1942 mill-appalti l-oħrajn meħuda mis-7 ta' Jannar 1941 'l hawn; u l-istess eċċezzjoni ġiet miċħuda rigward il-profitti susseġwenti;

Dik is-sentenza ġiet *konfermata* mill-Qorti ta' l-Appell fil-31 ta' Mejju 1948, u l-kawża ġiet rimessa "sine die", u mbagħad marret deżerta in prima istanza, kif ammetta l-istess attur; u dan jirriżulta mill-aħħar verbal reġistrat fl-attijiet ta' dik il-kawża;

Illi b'att ta' ċitazzjoni numru 267, preżentat fid-29 ta' April 1952, l-attur, wara li ppremetta illi, in konferma ta' akkordi verbali preċedenti u tal-kirografu fuq imsemmi, tat-18 ta' Novembru 1936, il-kontendenti ftehmu illi, jekk xi ħadd minnhom, direttament jew indirettament, u bl-esklużjoni tal-parti l-oħra, jieħu xogħlijiet ta' skavi u kostruzzjoni ta' ġebel eżegwiti per mezz ta' makkinarju, il-parti l-oħra jkollha d-dritt tippartecipa fin-nofs tal-profitti realizzati minn dak ix-xogħol, u illi d-ditta konvenuta għamlet per mezz ta' makkinarju xogħlijiet ta' skavi u tiksir ta' ġebel tal-qawwi, u forniet taħt diversi dimensjonijiet konoxxuti taħt l-ismijiet ta' "spalls, chippings, dust", u ismijiet oħra, u anki ħadet appalti oħra, u li b'ċitazzjoni fl-ismijiet fuq imsemmija, deċiża minn din *il-Qorti fl-20 ta' Jannar 1948, u konfermata* mill-Qorti ta' l-Appell fil 31 ta' Mejju 1948 (l-imsemmija ċitazzjoni nru. 91 ta' l-1947), ġie lilu rikonoxxut id-dritt għal nofs il-profitti mill-4 ta' Marzu 1942 'l hawn, talab li jiġu li-

kwidati l-profitti lilu spettanti, jiġifieri nofs il-profitti realizzati mill-konvenut, derivanti mill-akkordi u mill-kirografu fuq riferiti, fuq ix-xogħlijiet fuq imsemmijin u konnessi magħhom, u li l-konvenut jiġi kundannat iħallas lilu l-ammont likwidat u dovut;

Kontra t-talbiet ta' l-attur, il-konvenut, fost eċċezzjonijiet oħra, oppona dik tal-preskrizzjoni kwinkwennali mill-ġurnata ta' kull fornitura pretiża li setgħet taqa' fil-limiti ta' l-imsemmija skrittura;

Fis-sentenza li biha, fl-10 ta' Marzu 1953, ġiet definita din it-tieni kawża, ġie ritenut illi f'din it-tieni kawża l-attur għamel l-istess istanza li kien ġa għamel fil-kawża l-oħra numru 91 ta' l-1947, limitatament għall-profitti realizzati mill-appalti mill-4 ta' Marzu 1942 'l hawn, li in rigward tagħhom ġiet miċħuda l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni fis-sentenza mogħtija f'dik il-kawża; illi l-istess sentenza tal-Qorti ta' l-Appell in data 31 ta' Mejju 1948 mhix sentenza li ddefiniet il-meritu in rigward ta' dawk l-appalti, kif iddisponiet in rispett għall-appalti l-oħra kontenuti fl-istanza; illi dik il-parti ta' l-istanza baqgħet deżerta; illi bid-deżerzjoni ġie distrutt u annullat l-att taċ-ċitazzjoni, naturalment għal dik il-parti ta' l-istanza, u kwindi waqgħu u ġew annullati l-effetti kollha li dderivaw minn dak l-att għall-istess parti ta' l-istanza, fost hom l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni, u kwindi akkoljiet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, billi rriżulta illi l-istanza ġiet promossa aktar minn ħames snin wara li ġiet proposta l-kawża l-oħra b'att ta' ċitazzjoni, preżentat fl-4 ta' Marzu 1947, li, billi perenta bil-proċeduri tagħha kollha għal dik il-parti millmeritu li ġiet riproposta, ma tiswiex għall-interruzzjoni talpreskrizzjoni;

Illi mill-premess jidher illi l-kwistjonijiet tal-kawża odjerna ġa ġew diskussi u deċiżi mis-sentenza ta' din il-Qorti tal-10 ta' Marzu 1953, minħabba l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut. U inveru, minħabba dik l-eċċezzjoni kellhom jiġu u ġew diskussi u definiti il-kwistjoni dwar il-perenzjoni tal-kawża numru 91 ta' l-1947 (oġġett ta' l-ewwel talba fl-att taċ-ċitazzjoni odjern) u l-pont illi l-imsemmija sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tal-31 ta' Mejju 1948 ma dde-

finietx il-meritu in rigward tal-profitti realizzati wara l-4 ta' Marzu 1942 fuq l-appalti meħuda wara s-7 ta' Jannar 1941, u l-pronunċjament f'dik is-sentenza li bih ġiet respinta l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni in rigward ta' dawk il-profitti ma jimpurtax illi, perenta l-kawża u riproposta, ma tistax tiġi aktar sollevata l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, jekk tiġi riproposta wara li jkun għadda ż-żmien utili għall-perenzjoni (l-oġġett tat-tieni talba fil-kawża odjerna);

L-imsemmija sentenza ta' din il-Qorti tal-10 ta' Marzu 1953 hija ormaj "cosa giudicata", u kwindi l-istanzi proposti bil-kawża odjerna jistgħu jiġu respinti bl-eċċezzjoni "rei judicatae";

Inveru, jirrikorru l-estremi kollha neċessarji għal din l-eċċezzjoni; għaliex il-ħaġa mitluba hija l-istess, it-talba hija fondata fuq l-istess kawża bejn l-istess partijiet, u proposta minnhom u kontra tagħhom fl-istess kwalità;

In rigward ta' l-ewwel rekwiżit — l-identità tal-ħaġa mitluba — hu paċifikament ammess li mhux neċessarju illi l-identità tkun assoluta u materjali, imma tibbasta l-identità ġuridika. U Marcadè jfornixxi l-kriterju razzjonali ħalli f'kull każ inkunu nistgħu ngħarfu jekk u meta jkun hemm l-identità ta' l-oġġett bejn l-ewwel talba disposta b'sentenza u t-tieni li tiġi opposta bl-eċċezzjoni "rei judicatae". Il-kriterju tal-Marcadè hu riportat mill-Mattirolo fl-opera tiegħu "Trattato di Diritto Giudiziario Civile" (Vol. 5, par. 48-41); u dan l-awtur jgħid hekk :— "Fa d'uopo, egli dice, esaminare se la quistione che l'attore solleva con la seconda domanda sia o non sia stata già decisa col giudicato precedente; se, in altri termini, il punto che si pretenderebbe in oggi di discutere sia già stato giudicato con la precedente sentenza, ovvero se questa abbia lasciato il detto punto impregiudicato, insoluto. Ed a questo fine conviene porre a confronto il principio affermato con la decisione precedente e la domanda che si vorrebbe far valere nel secondo giudizio. Se questa domanda non è contradetta, non é esclusa, e perciò può coesistere col principio contenuto nella disposizione della sentenza, si conchiuderà che non vi è ostacolo di cosa giudicata, che si tratta di domanda nuova non ancora giudicata; se invece la contra-

dizione esiste, se la coesistenza della domanda col dispositivo appare impossibile, si dovrà ritenere che vi è identità di oggetto fra il punto già deciso e la nuova domanda, e che quindi sopra di questa vi è la cosa giudicata''. Issa, il-kontradizzjoni tat-talbiet fil-kawża odjerna minn dak li ġie deċiż fil-kawża l-oħra hija pależi, u l-koeżistenza ta' dawn it-talbiet ma' dak li ġie ritenut u deċiż fis-sentenza li ddefiniet il-kawża l-oħra, indubbjament mhix possibili;

Ma jistax ikun hemm dubju illi d-domanda hija fondata fuq l-istess kawża li, skond Mattirolo (op. ċit., paġ. 32), "consiste nel titolo, ossia nel fatto giuridico che sta a fondamento del diritto dedotto in giudizio" — fil-każ il-kirografu ġa ħafna drabi msemmi, tat-13 ta' Novembru 1939; u hu pależi li t-talba hija bejn l-istess partijiet fl-istess kwalità;

Għall-motivi premessi;

Tilqa' l-eċċezzjoni "rei judicatae", u għalhekk tirrespinġi l-istanzi ta' l-attur proprio et nomine; bl-ispejjeż,